MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Numru. 663/2002

Il-Pulizija
(Kummissarju John Rizzo)
(Deputat Kummissarju Joseph Cachia)
(Assisstent Kummissarju Michael Cassar)
(Supretendent Pierre Calleja)
vs
Mario Camilleri, Pierre Cammilleri, Anthony John Grech
Sant, Joseph Zammit

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli f'dawn il-gzejjer, fix-xahar ta' Lulju, 2002 u fix-xhur ta' qabel, in konnessjoni ma sentenza moghtija fil-5 ta' Lulju, 2002 mill-Qorti ta' l-Appell Krminali fil-kawza fl-ismijiet "Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri et" :

1. Irrenda ruhu komplici billi ikkorrompa lill-Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella, it-tnejn

ufficjali jew impjegati pubblici, u dan in konnessjoni mal-kariga taghhom ta’ Prim Imhallef u Imhallef rispettivament tal-Qrati Superjuri ta’ Malta, billi offra xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, lill-istess Prim Imhallef Noel Arrigo u lill-Imhallef Patrick Vella, li ghalihom l-istess Prim Imhallef u Imhallef, ma kellhomx il-jedd, b’dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta’ l-offerta kien sabiex l-istess Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella, jonqsu li jaghmlu dak li hu fid-dmir taghhom li jaghmlu, u b’dan ukoll, illi barra milli l-stess Prim Imhallef Noel Arrigo u Imhallef Patrick Vella accettaw il-hlas, il-weghda jew offerta fil-fatt naqsu li jaghmlu dak li kien fid-dmir taghhom li jaghmlu;

2. Wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi persuna, detentur ta’ kariga gudizzjarja u cioe’, il-Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella, u dan sabiex iggeghlu lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor;

3. F’Malta, assocja ruhu ma xi persuna jew persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel f’Malta d-delitti hawn fuq imsemmija li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija;

4. Lil Joseph Zammit wahdu akkuzat talli ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor, bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi persuna detentur ta’ kariga gudizzjarja u cioe’, il-Prim Imhallef Noel Arrigo u l-Imhallef Patrick Vella;

5. Lill-istess Joseph Zammit wahdu, akkuzat ukoll talli b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta’ madwar hamest elef lira Maltin (LM5,000) bi hsara ta’ Mario Camilleri u / jew persuni ohra;

6. Finalment Joseph Zammit u Mario Camilleri akkuzati talli saru recidivi a termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, b’sentenzi tal-Qrati ta’ Malta diversament presjeduta, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tat-8 ta’ Ottubru, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub

Fil-konfront ta’ Mario Camilleri :
(a) Fl-Artikoli 115 (b) (c), 120, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 121A (1) (3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 48A, 115(b) (c), 120, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 48A, 121A(1)(3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;

Fil-Konfront ta’ Pierre Camilleri :
(a) Fl-Artikoli 115 (b) (c) u 120 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 121A (1) (3) tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 48A, 115(b) (c) u 120 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 48A, 121A(1)(3) tal-Kodici Kriminali;

Fil-konfront ta’ Anthony John Grech Sant :
(a) Fl-Artikoli 115 (b) (c) u 120 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 121A (1) (3) tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 48A, 115(b) (c) u 120 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 48A, 121A(1)(3) tal-Kodici Kriminali;

Fil-konfront ta’ Joseph Zammit :
(a) Fl-Artikoli 115 (b) (c), 120, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 121A (1) (3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 48A, 115(b) (c), 120, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 48A, 121A(1)(3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-Artikolu 121A(2)(3), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(f) Fl-Artikoli 308, 310, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
u semghet lill-imputati kollha jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda ogezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Rat il-verbal taghha tal-11 ta' Dicembru, 2005 li permezz tieghu fuq talba tal-Prosekuzzjoni il-Qorti ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju fis-sens illi l-kaz fil-konfront tal-imputat Joseph Zammit jigi trattat u gudikat separatament mill-kaz tal-imputati l-ohrajn u rat id-digriet taghha fejn laqghet din it-talba u ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju f'dan is-sens u b'hekk il-kawza tkompliet separatament fil-konfront ta' Mario Camilleri, Pierre Camilleri u Anthony John Grech Sant mill-kaz kontra Joseph Zammit li effettivament gie deciz fis-7 ta' April, 2006.

Rat l-eccezzjoni tad-difiza maghmula waqt is-seduta tad-9 ta' Frar, 2005 li permezz taghha precizament Dr Debono ghall-imputati Pierre Camilleri u Mario Camilleri talab l-isfilz ta' partijiet mix-xiehda tal-Kummissarju tal-Pulizija, tad-Deputat Kummissarju, tal-Assistent Kummissarju Michael Cassar u tas-Supretendent Pierre Calleja fejn taw opinjoni dwar il-vucijiet li instemghu fuq ir-recordings tat-telefonati stante illi l-Kummissarju tal-Pulizija, id-Deputat Kummissarju, l-Assistent Kummissarju Michael Cassar u s-Supretendent Pierre Calleja ma humiex esperti mahtura mill-Qorti. Semghet lis-Supretendent Pierre Calleja jirrileva illi dwar il-parti tax-xiehda tal- Kummissarju tal-Pulizija, id-Deputat Kummissarju, l-Assistent Kummissarju Michael Cassar u tieghu stess fl-ebda hin ma l-imsemmija persuni taw opinjoni, izda f'dik il-parti tax-xiehda taghhom huma identifikaw il-lehen ta' dik ir-recording partikolari bhala l-istess lehen ta' diversi persuni li gew investigati matul il-kors ta' l-investigazzjoni. Is-Supretendent Calleja iddikjara dak il-hin stess illi ghal dak li jirrigwarda ix-xiehda li ta hu stess dwar il-kwistjoni in materja definittivament ma kienx qieghed jesprimi xi opinjoni izda kienet kwistjoni ta' identifikazzjoni ta' ilhna minghajr l-ebda dubju. Rat in-Nota tas-Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija tas-27 ta' Settembru, 2005, kif ukoll in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza, dejjem dwar din l-eccezzjoni imqajjma mid-difiza tat-8 ta' Novembru, 2005. Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar din l-eccezzjoni.

Ikkunsidrat :

Illi l-punt kollu jirrigwarda l-ammissibilita o meno tax-xiehda tal-Ufficjali Prosekuturi, u cioe' il-Kummissarju tal-Pulizija, id-Deputat Kummissarju, l-Assistent Kummissarju Michael Cassar u s-Supretendent Pierre Calleja, fis-sens illi qeghdin jgharfu il-vucijiet ta' l-imputati, fosthom dawk tal-imputati Pierre Camilleri u Mario Camilleri fuq ir-recordings tat-telefonati illi saru; liema recordings kienu f'idejn il-Prosekuzzjoni u li gew esebiti f'dawn l-atti. Id-difiza ikkontendiet illi x-xiehda ta' l-Ufficjali Prosekuturi imsemmija ghandha tigi sfilzata peress illi qeghdin jesprimu opinjoni u illi sabiex issir identifikazzjoni ta' vuci li tinstema fuq recording ta' telefonata, skond id-difiza, irid jitqabbad espert.

Illi proprju fuq dan il-punt il-Qorti ezaminat l-indirizz tal-Prim Imhallef Dr Vincent Degaetano lill-gurati fil-kaz "Ir-Repubblika ta' Malta kontra Meinrad Calleja". Illi anke f'dan il-kaz id-difiza kienet qajmet il-kwistjoni jekk il-Kummissarju tal-Pulizija setghax jixhed fis-sens illi meta semgha it-tape recording f'dak il-kaz kien wasal ghall-konkluzjoni li kien gharaf vuci minnhom bhala dik ta' Fenech u kien wasal ghall-konkluzjoni minn certu diskors illi l-persuna l-ohra kienet Meinrad Calleja. Umbaghad kien gie mistoqsi "imma issa wara illi inti smajt lil Meinrad Calleja jitkellem ghax effettivament dan kien gie interrogat minnek taghrafha il-vuci tieghu jew le?"

Illi l-Prim Imhallef fl-indirizz tieghu lill-gurati kien qal testwalment hekk : "Issa bhala regola tridu tkunu tafu Sinjuri gurati li xhud jista jixhed biss fuq fatti li huwa ippercepixxa personalment, jigifieri dwar xi haga li huwa ikun ra, hass, semgha, xamm, jew tieghem, the five senses. Bhala regola xhud li ma jkunx espert nominat mill-Qorti ma jistax jesprimi opinjoni jigifieri jigbed konkluzjoni, jaghmel inferenza minn dawk il-fatti li huwa jkun ippercepixxa. Pero' ghal din ir-regola hemm eccezzjonijiet fil-Ligi u wahda minn dawn l-eccezzjonijiet hija li xhud li mhux espert innominat mill-Qorti jigifieri ma jkunx xhud innominat espert mill-Qorti jista jigbed dik il-konkluzjoni, jaghmel dik l-inferenzja, fi kliem iehor jesprimi opinjoni jekk biex tigbed dik l-inferenza jekk dik il-konkluzzjoni ma tkunx tirrikjedi xi hila, jew sengha

specjali. Jekk inti biex tigbed dik il-konkluzzjoni, biex tigbed dik l-inferenza tkun tirrikjedi xi hila jew sengha specjali allura iva inti ma ghandekx tesprimi dik l-opinjoni, halli jigi nominat espert u jesprimi dik l-opinjoni. Pero' hemm certi affarijiet li fil-hajja ta' kulljum wiehed jista jigbed inferenzi dwarhom, fil-fatt opinjonijiet li nesprimuhom kull hin ahna Sinjuri gurati, inferenzi qeghdin naghmluhom kull hin meta naghtu l-eta ta' bniedem per ezempju li jkunu rajna, jghidlek x'eta kellu u li tigbed konkluzjoni dwar l-eta tieghu, mit-tul, mill-ilbies, hekk kif jitkellem, dik hija inferenza, sewwa, ukoll biex nghidu b'liema velocita kienet ghaddejja vettura. Ix-xhud jigi mistoqsi b'liema speed, b'liema velocita kienet ghaddejja il-vettura? Sakemm ma tkunx qed tara dak il-hin l-ispeedometer, lanqas is-sewwieq hafna drabi ma jkun qed jara l-ispeedometer ahseb u ara persuna li qed tara l-karozza ghaddejja minn barra, dik hija opinjoni, cioe' inferenza minn dak li tkun qed tara. Pero' hija meqjusa li ma tirrikjedix xi hila jew sengha specjali ghajr forsi li tkun imdorri issuq. Sewwa biex wiehed jigbed il-konkluzjoni ta' min hi vuci fuq tape, fuq telephone, minn wara bieb per ezempju m'ihiex xi haga, araw intom Sinjuri gurati, araw intom jekk hiex xi haga li tirrikjedi xi hila jew sengha specjali, jew inkella hiex xi haga li bniedem ordinarju jista jekk ikun semgha vuci darba, darbtejn, tlett darbiet, jistax jigbed konkluzzjoni dwarha. Araw intom jekk din hiex xi haga li tirrikjedi xi sengha jew hila specjali. Jekk hija xi haga pero' li jidhrilkom li jista bniedem effettivament jaghmel, ma tirrikjedi l-ebda hila jew sengha specjali, fil-fatt allura intom tistghu tikkunsidraw dik l-opinjoni. Spetta ghalikom bhala Imhallfin tal-fatti li taraw jekk dak ix-xhud per ezempju kienx mithla bizzejjed ta' dik il-vuci, semaghhiex bizzejjed, jew semaghhiex per ezempju semax sentenza wahda biss. Jekk sema' sentenza wahda difficli, pero' jekk kienet tisma l-vuci ripettutament ect wiehed jista joqghod fuq dik l-opinjoni".

Illi wara li inghata l-verdett tal-gurati f'dak il-kaz u Meinrad Calleja kien gie misjub hati u l-Qorti tal-Appell Kriminali tat is-sentenza taghha fil-kaz "Ir-Repubblika ta' Malta kontra Meinrad Calleja" deciz fis-26 ta' Mejju 2005. Illi fis-sentenza taghha, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ittrattat l-

ilment tad-difiza dwar l-ammissibilta o meno tax-xiehda tal-Kummissarju tal-Pulizija meta gie riprodott mill-Prosekuzzjoni u qal illi meta sema’ it-tape recording gharaf il-vuci ta’ Joseph Fenech u li f’okkazzjoni wara kien kellem lill-appellant u setgha issa jghid illi t-tieni vuci kienet dik tal-appellant.  Skond id-difiza din kienet biss opinjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.   Il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali qalet hekk “illi minn ezami tal-pagni rilevanti tal-indirizz jirrizulta li dak li ghamlet l-Ewwel Qorti kienet li spjegat lill-gurati li xhud li mhux espert jista jigbed inferenza jew konkluzzjoni li ma tkunx tirrikjedi xi hila jew sengha specjali u irrimetta lill-gurati din il-kwistjoni ta’ jekk tirrikjedix xi hila jew sengha specjali biex tirrikonoxxi vuci fuq tape”.  Illi irrizulta b’mod car illi l-Ewwel Qorti rat illi ma kienx hemm il-htiega ta’ espert u ghalhekk ix-xhud, il-Kummissarju tal-Pulizija, li mhux espert setgha jigbed inferenza jew konkluzjoni peress illi skond ma iddecidew il-gurati dan ma kienx jirrikjedi xi hila jew sengha specjali.” Illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha cahdet l-ilment tad-difiza f’dan ir-rigward sabiex b’hekk iddecidiet illi x-xiehda tal-Kummissarju tal-Pulizija kienet ammissibbli meta qal illi semgha tape recording u gharaf il-vucijiet kif imsemmija aktar ‘il fuq f’dan id-digriet.

Illi ghalhekk, kuntrarjament ghal dak illi qalet id-difiza, dan il-punt gie effettivament deciz mill-Qrati taghna, sahansitra mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali illi kif ghadu kif intqal iddecidiet illi t-tape in kwistjoni kienet in effett tikkostitwixxi prova, kif ukoll iddecidiet illi x-xiehda tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn gharaf xi vucijiet mit-tape recording kienet certament ammissibbli.

Illi b’referenza ghal kazistika ikkwotata kemm mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll mid-Difiza, kif ukoll ghall-procedura Ingliza illi bhala regola generali dejjem tigi segwita mill-Qrati taghna fil-kamp penali il-Qorti ser ticcita bran mill-ktieb “Murphy on Evidence” ta’ Peter Murphy 6th Edition, pagna 322.  Gie kwotat l-Artikolu 3 (2) tas-“Civil Evidence Act 1972” li jghid hekk :

“It is hereby declared that where a person is called as a witness in any civil proceedings, a statement of opinion by

him on any relevant matter on which he is not qualified to give expert evidence, if made as a way of conveying relevant facts personally perceived by him, is admissible as evidence of what he perceived."

It is an open question whether this declaration accurately represents the state of the common law, and therefore whether it may apply in effect to criminal cases also. It is submitted that this is and should be the case. The admissibility is confined to matters of the general competence and experience of people generally, which they are able and accustomed to appreciate by a process of observation of common place facts, and which require no process of conscious deduction. They are in reality matters of perception, perceived directly by the witness while using his ordinary senses, so that while in an abstract sense it may be said that the witness is expressing an opinion, he is in fact merely using natural language to convey facts which he perceived and which would otherwise be difficult if not impossible, to relate. The American Federal Rule of Evidence 701 expresses the same idea in the following language :

Opinion testimony by lay witnesses. If the witness is not testifying as an expert, his testimony in the form of opinions or inferences is limited to those opinions or inferences which are (a) rationally based on the perception of the witness and (b) helpful to a clear understanding of his testimony or the determination of a fact in issue.

A witness may state that a person, thing or document is the same as, or bears a resemblance to, one that he has seen on a previous occasion. The matter is one of perception, and there would be formidable difficulties of proof in very many cases if this were not permitted, see for example Fryer v Gathercole (1849) 4 Ex 262 per Pollock CB. The rule also applies to identification by handwriting (Doe d Mudd v Suchermore (1836) 5 Ad & El 703) or the sound of a voice (R v Robb (1991) 93 Cr App R 161) with which the witness is personally familiar. In general a witness may give evidence of matters within this

category and may be referred to any photograph or other exhibit necessary to enable him to explain what he perceived”.

Illi effettivament dak li qieghed ighid l-awtur Peter Murphy u dak li gie deciz fis-sentenzi ikkwotati minnu huwa rifless pjenament fis-sentenzi tal-Qrati taghna fil-kaz “Ir-Repubblika ta’ Malta kontra Meinrad Calleja”, liema sentenza giet ukoll ikkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali. Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda tirrispingi din l-eccezzjoni tad-Difiza u qeghda tiddikjara bhala ammissibbli x-xiehda moghtija mill-Kummissarju tal-Pulizija, mid-Deputat Kummissarju, mill-Assistent Kummissarju Michael Cassar u mis-Supretendent Pierre Calleja.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------